MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Numru. 500/2007

**IL- PULIZIJA**
**SUPRETENDENT MARTIN SAMMUT**
**SPETTUR CARMELO ABDILLA**

**KONTRA**

**MARVIN ZAMMIT**
**ANDREW VICTOR GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Marvin Zammit ta' 23 sena, bin missier mhux maghruf u Maria Theresa nee' Zammit, mwieled fl- 24 ta' Lulju 1986,

Pieta', residenti Narcis, Triq Emvin Cremona, Msida u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 340286(M);

U

Andrew Victor Galea ta' 20 – il sena, bin John u Sheila Maria nee' Cutajar, mwieled 3 ta' Marzu 1990 Pieta', residenti 17E Tamsyn, Flat 2, Triq Carini Santa Venera u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 133490(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer nhar l- 10 ta' Gunju 2007, f' xi hin bejn 00.00hrs u s- 1.00hrs ta' filghodu, gewwa l-istabiliment maghruf bhala Axis Discoteque, sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan u/ jew fil- vicinanzi;

1) minghajr il- hsieb li joqtlu jew iqieghedu l- hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil- gisem ta' Marvin John Mallia mill- Hamrun ai terminu tal- Artikolu 214, 216 u 218 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) volontarjament kisru l- bon ordni jew il- kwiet pubbliku, bl- ghajjat u bil- glied ai terminu tal- Artikolu 338(dd) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Akkuzati ukoll talli f' dawn il- Gzejjer fil- lejl bejn id- 9 u l- 10 ta' Gunju 2007, gewwa San Giljan u bnadi ohra, naqsu milli jharsu xi wahda mill- kundizzjonijiet imposti fuqhom mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) li bih inghataw il- helsien mill- arrest.

Il- ko- imputat Andrew Victor Galea, akkuzat talli fil- lejl ta' bejn id- 9 u l- 10 ta' Gunju 2007, gewwa San Giljan garr xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil- ponta ta' liema xorta li jkun, minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija ai terminu tal- ARtikolu 6 tal- Kapitolu 480 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti. Fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Gunju, 2007, l-imputati kienu qeghdin fl-"Axis Discotheque", fi Triq San Gorg, San Giljan, meta qamet glieda bejn xi zghazagh li fiha kienu nvoluti l-istess imputati. F' din il-glieda, certu Marvin John Mallia sofra griehi gravi f' wiccu, tant li dawn hallew marka permanenti u visibbli. Din il-kwistjoni qamet minhabba incident zghir li kellhom Mallia u wiehed mill-imputati, u l-kwistjoni kompliet tikber ftit wara meta l-imputati t-tnejn aggredew lil Mallia u dan ta' l-ahhar sofra l-griehi msemmija.

Mill-provi prodotti jirrisulta ampjament ippruvat li kienu l-imputati li aggredew lil Mallia fid-data u lok indikati. Jirrisulta mill-istess stqarrijiet taghhom li dawn kienu hemm kontra l-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest moghtija lilhom fi proceduri ohra separati, fejn huma wkoll jammettu li kisru dawn il-kundizzjonijiet, u jammettu li kienu huma li aggredew lil Mallia wara li Zammit kellu xi jghid mieghu fit-toilet tal-istess stabbiliment. L-imputati ma jinnegawx li kienu huma li taw bil-ponn lil Mallia, izda jzidu li kien hemm haddiehor maghhom dakinhar li tefghu fliexken fid-direzzjoni ta' Mallia. B' hekk huma jippruvaw jiskolpaw ruhhom mir-responsabbilta' ghall-incident kollu.

Il-provi tal-Prosekuzzjoni jinkludu ghalhekk l-istqarrijiet tal-imputati, a fols. 26 sa 30 tal-process, certifikat mediku tal-griehi sofferti minn Marvin John Mallia a fol. 31 u 32, il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtija lill-imputati f' proceduri penali antecedenti din il-kawza, a fol. 33 u 34, ir-rapport medico-legali tat-tabib Mario Scerri esebit a fol. 37, u x-xiehda ta' Marvin John Mallia, il-vittma tal-aggressjoni, a fol. 85 et seq. tal-process. Hemm ukoll ix-

xiehda ta' WPS 159 li kkonfermat li l-imputat Andrew Victor Galea m'ghandux licenzja tal-Pulizija biex igorr sikkina, a fol. 77 sa 79, kif ukoll xhud okulari li ra lill-istess Galea jarmi mus mil-but tieghu, ix-xhud PS 1492 a fol. 53 et seq., minkejja li Galea innega li kellu mus fl-istqarrija moghtija minnu. Dawn huma l-provi ewlenin tal-Prosekuzzjoni. Il-provi l-ohra kollha jikkorroboraw il-verzjoni tal-fatti kif esposti mill-istess Prosekuzzjoni. L-imputati ghazlu li ma jixhdux f' din il-kawza, ghalhekk il-provi tal-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma gew kontradetti.

Illi ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova ohra hlief dawk imressqa mill_prosekuzzjoni, il-Qorti qed tiddikjara lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha mressqa kontrihom, hlief ghall-imputazzjoni tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, peress illi, fin-nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali a fol. 137 tal-process, l-Artikoli pertinenti ghal din l-imputazzjoni ma gewx indikati. Kwantu ghall-piena, il-Qorti taghmel riferenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, fosthom **"Pulizija v. Alexander Micallef",** deciza fl-14 ta' Ottubru, 2009, u **"Pulizija v. Joseph Azzopardi",** deciza fit-30 ta' Lulju, 2004. F' din is-sentenza tal-ahhar, dik il-Qorti qalet hekk:

"Bhalma ntqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004:

**"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-**

**fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**"

Inoltre dik l-istess sentenza kompliet hekk rigward il-piena:

"... Del resto din il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza precitata **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi**:

**"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija <u>b'effett immedjat</u>. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika."**

Ghalhekk anke f'dan il-kaz il-piena ghandha tkun taht il-forma ta' prigunerija effettiva. "

Il-Qorti ghalhekk, meta tqis l-elementi kollha tal-kaz in esami, ma tara l-ebda triq ohra hlief li tipprovdi ghal piena ta' prigunerija effettiva taz-zewg imputati. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta imgieba vjolenti minn persuni li ghal xejn b' xejn jaqilghu l-glied u jwegghu lil haddiehor li jkun qieghed ghall-affari tieghu bi kwietu ma shabu. F' dan l-incident ma kien hemm ebda provokazzjoni minn Mallia, u ma kien hemm ebda aggressjoni minnu fil-konfront tal-imputati, biex forsi huma jghidu li kellhom jirreagixxu in difesa. Tant hu hekk li d-difiza ma ressqet l-ebda eccezzjoni ta' legittima difesa jew skuzanti ohra ghall-imgieba tal-imputati, izda ppruvat tistrih fuq allegazzjoni li kienu diversi persuni li aggredew lil Mallia, u mhux huma biss. Ghaldaqstant il-Qorti sejra tikkundannahom ghal terminu ta' prigunerija effettiva. Peress illi l-imputat Galea kien minorenni fiz-zmien meta sari r-reat, il-piena tieghu sejra tonqos bi grad skond l-Artikolu 37 tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 37, 214, 215, 216, 218 u 338(dd), 17, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u Artikolu 6 tal- Kapitolu 480 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ssib lill- imputat Andrew Victor Galea hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18) il- xahar prigunerija. Ssib lill- imputat Marvin Zammit hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------